**1. AVVIŻ TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI U L-FORMOLA TA' PROKURA**

**1.1 *Record Date***

Dan l-Avviż qiegħed jintbagħat lill-Azzjonisti kollha tal-Kumpanija li jidhru fuq ir-reġistru tal-membri tal-Kumpanija (ir-'**Reġistru tal-Membri**') hekk miżmum mis-*Central Securities Depository* tal-Borża ta' Malta fit-8 ta' April 2025 (ir-'***Record Date***'). Kwalunkwe tibdil fir-Reġistru tal-Membri li jseħħ wara r-*Record Date* ma jitqiesx fid-determinazzjoni tad-dritt ta' kwalunkwe persuna li tattendi u tivvota fil-Laqgħa.

**1.2 Dritt tal-Azzjonisti li jattendu u jivvotaw fil-Laqgħa u Ħatra ta' Prokuratur**

L-Azzjonisti rreġistrati fir-Reġistru tal-Membri tal-Kumpanija fir-*Record Date* jistgħu jipparteċipaw u jivvotaw fil-Laqgħa, billi jattendu personalment jew billi jaħtru persuna sabiex tattendi u tivvota fil-Laqgħa minflokhom (prokuratur).

Prokuratur jista' jinħatar permezz tal-Formola ta' Prokura li għandha tintbagħat lis-Segretarjat tal-Kumpanija kif indikat hawn taħt.

Meta l-Azzjonist ikun entità korporattiva (inkluż kumpanija, soċjetà, assoċjazzjoni ta' persuni, fondazzjoni jew entità oħra), għandha dejjem tiġi ppreżentata Formola ta' Prokura. Il-Formoli ta' Prokura għandhom jiġu eżegwiti kif meħtieġ (kemm jekk favur ċ-Chairman tal-Laqgħa jew rappreżentant ieħor tal-Azzjonist) skont il-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni jew dokumenti kostituzzjonali simili tal-Azzjonist. Is-Segretarjat tal-Kumpanija jirriserva d-dritt li jitlob evidenza ta' dak imsemmi hawn fuq.

**1.3 Kif timtela l-Formola ta' Prokura**

Dawk l-Azzjonisti li jixtiequ jipparteċipaw fil-Laqgħa billi jaħtru prokuratur għandhom jimlew id-dettalji kollha meħtieġa fil-Formola ta' Prokura, u b'mod partikolari, jekk il-Formola ta' Prokura qed timtela bl-idejn, id-dettalji għandhom jimtlew b'mod ċar u li jinqraw.

Huwa importanti li wieħed jinnota dan li ġej:

(i) L-Azzjonist għandu jindika jekk jixtieqx jaħtar bħala prokuratur liċ-Chairman tal-Laqgħa jew persuna oħra (li m'għandhiex għalfejn tkun Azzjonist). F'każ li l-Azzjonist jixtieq jaħtar persuna oħra għajr iċ-Chairman tal-Laqgħa bħala prokuratur, l-isem sħiħ, l-indirizz u n-numru tal-Karta tal-Identità tal-prokuratur għandhom jiddaħħlu fl-ispazju xieraq.

(ii) L-Azzjonist għandu jindika lill-prokuratur kif jixtieq li huwa jivvota billi jimmarka l-kaxxa xierqa fil- Formola ta' Prokura.

(iii) Meta tkun qed issir votazzjoni għal riżoluzzjoni, jekk l-Azzjonist jixtieq li l-prokuratur maħtur jivvota b'mod partikolari, l-Azzjonist għandu jimmarka l-preferenza ta' vot tiegħu ħdejn kull riżoluzzjoni fil-kaxxa xierqa billi jew idaħħal in-numri ta' voti (ishma reġistrati) jew bl-użu ta' marka [X] jew [✓] (minflok ma jdaħħal numru ta' voti) taħt 'Favur', 'Kontra' jew 'Astensjoni'. Il-marka b'forma ta' salib jew kull marka oħra ser tiġi interpretata li l-Azzjonist ikun assenja l-voti kollha kif meħtieġ. Jekk il-marka b'forma ta' salib jew marka oħra titqiegħed taħt kull waħda mill-għazliet 'Favur' jew 'Kontra' jew 'Astensjoni' għall-istess riżoluzzjoni, il-vot tal-Azzjonist dwar dik ir- riżoluzzjoni partikolari ma jkunx validu.

(iv) Jekk l-Azzjonist jinkludi n-numru ta' voti, dawn jistgħu jinqasmu fi kwalunkwe proporzjon, taħt 'Favur', 'Kontra' jew 'Astensjoni' għal kwalunkwe riżoluzzjoni. Azzjonist jista' għalhekk juża l-voti kollha jew parti minnhom għal kull riżoluzzjoni. Madankollu, fl-ebda ċirkostanza, l-Azzjonist ma jista' juża aktar voti milli hu intitolat. Jekk dan iseħħ, il-vot dwar dik ir-riżoluzzjoni partikolari ma jkunx validu.

**1.4 Kif tintbagħat il- Formola ta' Prokura**

Sabiex tkun valida, il-Formola ta' Prokura kompluta trid tasal għand is-Segretarjat tal-Kumpanija APS Bank plc, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta, sa mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel id-data u l-ħin tal-Laqgħa, jiġifieri fis-sitta ta' filgħaxija (18:00) tas-7 ta' Mejju 2025.

Il-Formola ta' Prokura tista' tintbagħat:

(i) fiżikament;

(ii) bil-posta, permezz tal-envelop mehmuż; jew

(iii) bil-posta elettronika (email) lil **investor.relations@apsbank.com.mt**

Ladarba tasal il-Formola ta' Prokura kompluta, tintbagħat konferma elettronika mill-Kumpanija lill-Azzjonist.

**1.5 Stqarrija mill-prokuratur (skont ir-Regoli 12.29 u 12.30 tal-*Capital Markets Rules* u Artikolu 93 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni)**

Qabel il-Laqgħa, il-prokuratur maħtur għandu jinforma lill-Azzjonist li ġie maħtur minnu fuq kwalunkwe fatti li jkun jaf bihom, u li jistgħu jkunu rilevanti għall-Azzjonist sabiex ikun jista' jivvaluta kwalunkwe riskju li l-prokuratur jista' jkollu, dan jinkludi kwalunkwe interess, għajr l-interess tal-Azzjonist.

B'mod partikolari, il-prokuratur huwa meħtieġ jiżvela lill-Azzjonist:

(a) jekk huwiex Azzjonist ta' kontroll tal-Kumpanija, jew huwiex entità oħra kkontrollata minn tali Azzjonist;

(b) jekk huwiex direttur tal-Kumpanija, jew ta' Azzjonist kontrollanti jew entità kontrollata kif imsemmija fil-paragrafu (a);

(ċ) jekk huwiex impjegat jew awditur tal-Kumpanija, jew ta' Azzjonist kontrollanti jew entità kontrollata msemmija fil-paragrafu (a); u

(d) jekk għandux relazzjoni familjari ma' persuna fiżika msemmija fil-paragrafu (a) sa (ċ).

**1.6 Dritt għal mistoqsijiet**

L-Azzjonisti (kemm jekk personalment jew bi prokura) huma intitolati li jistaqsu mistoqsijiet li huma pertinenti u relatati ma' kwalunkwe riżoluzzjoni mressqa qabel il-Laqgħa – u li dawn il-mistoqsijiet jiġu mwieġba miċ-Chairman tal-Laqgħa, jew mid-Diretturi jew minn tali persuna/i li d-Diretturi jistgħu jiddelegaw għal dak il-għan. L-Azzjonisti li jixtiequ jagħmlu kwalunkwe mistoqsija jistgħu jagħmlu dan minn qabel, billi jibagħtu dawn il-mistoqsijiet bil-miktub lis-Segretarjat tal-Kumpanija fiżikament, jew bil-posta lil APS Bank plc, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta jew bil-posta elettronika (email) lil **investor.relations@apsbank.com.mt**

Il-mistoqsijiet għandhom jaslu għand il-Kumpanija sa mhux aktar tard mill-5 ta' Mejju 2025.

**1.7 Votazzjoni**

Fil-Laqgħa, il-votazzjoni għandha ssir b'wiri tal-idejn jekk ma tiġix mitluba votazzjoni minn kwalunkwe persuna intitolata tagħmel dan, skont l-Artikoli, jew skont kwalunkwe liġi applikabbli. Jekk jintalab u jittieħed vot, Azzjonist (jew il-prokuratur tiegħu) jista' jivvota favur jew kontra riżoluzzjoni jew jista' jagħżel li jastjeni milli jivvota fir-rigward ta' riżoluzzjoni.

F'każ li l-vot ikun qed jittieħed b'wiri tal-idejn, Azzjonist preżenti fiżikament, jew il-prokuratur tiegħu għandu vot wieħed irrespettivament min-numru ta' ishma li għandu, jew li qed jirrappreżenta, ladarba fil-każ ta' votazzjoni b'wiri tal-idejn, prokuratur li qed jingħata mandat minn diversi Azzjonisti u li ngħata struzzjoniiet minn xi Azzjonisti favur

riżoluzzjoni, u minn oħrajn kontra din l-istess riżoluzzjoni, huwa jeżerċita vot wieħed 'favur' u vot wieħed 'kontra' r-riżoluzzjoni.

F'kaz ta' votazzjoni, l-Azzjonist preżenti fiżikament għandu vot wieħed għal kull sehem li għandu u prokuratur għandu vot wieħed għal kull sehem li l-prokuratur għandu Formola ta' Prokura għalih.

**2. DĦUL GĦAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI**

**2.1** Id-dħul għal-Laqgħa jibda fil- ħamsa ta' filgħaxija (17:00), siegħa qabel il-ħin deżinjat.

**2.2** Biex jiddaħħlu għal-laqgħa, l-Azzjonisti jew il-prokuraturi għandhom jippreżentaw (i) kwalunkwe dokument legali ta' identifikazzjoni (fosthom karta tal-identità, passaport jew liċenzja tas-sewqan validi) u (ii) id-dokument **DĦUL GĦAL-LAQGĦA**. Mad-dħul, l-Azzjonisti u l-prokuraturi jinħarġilhom dokument tal-vot (karta tal-votazzjoni).

**2.3** Meta l-Azzjonist ikun entità korporattiva (inkluż kumpanija, soċjetà, assoċjazzjoni ta' persuni, fondazzjoni jew entità oħra), rappreżentant tiegħu huwa eliġibbli sabiex jattendi u jivvota fil-Laqgħa jekk Formola ta' Prokura mimlija kif xieraq f'ismu tkun waslet għand is-Segretarjat tal-Kumpanija sas-7 ta' Mejju 2025 fis-sitta ta' filgħaxija (18:00).

**2.4** Azzjonist minorenni jista' jkun rappreżentat fil-Laqgħa minn ġenitur jew kustodju legali li se jkun mitlub jippreżenta l-Karta tal-Identità tiegħu u l-Formola tad-Dħul. Azzjonisti minorenni ma jitħallewx jattendu l-Laqgħa.

**3. KIF TIMTELA U TINTBAGĦAT IL-FORMOLA TAL-GĦAŻLA TAL-I*SCRIP* DIVIDEND**

**3.1** Il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend għandha timtela biss f'każ li l-Azzjonisti jixtiequ jirċievu d-dividend f'forma ta' ishma ġodda.

**3.2** Il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend (bil-Malti jew bl-Ingliż) għandha tintbagħat jew titwassal għand is-Segretarjat tal-Kumpanija tal-APS Bank plc, Triq it-Torri, Birkirkara BKR 4012, Malta, sas-7 ta' Mejju 2025 permezz tal-envelop mehmuż jew bl-idejn. Alternattivament, l-Azzjonisti huma mħeġġa jissottomettu l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend permezz tal-email lil **apsdividend@apsbank.com.mt**. Huwa importanti li fis-'Suġġett' tal-email, l-Azzjonist jikkwota **l-Isem sħiħ**, **il-Kunjom** u **n-Numru tal-Kont tal-MSE** kif stampat fuq il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend. Huwa importanti li l-Formola tintbagħat bil-*barcode* ċar u li jinqara. Huwa tajjeb li tinnota li l-ipproċessar tal-Formoli tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend huwa proċess awtomatiku u ladarba l-istruzzjonijiet jiġu pproċessati b'suċċess, tintbagħat konferma elettronika. Emails li jaslu mingħajr Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend mehmuża jew mhux mimlija kif meħtieġ, ma jiġux aċċettati.

**3.3** Il-Kumpanija japplika rata ta' taxxa ta' 35%. Il-konsegwenzi tat-taxxa li wieħed jagħżel li jirċievi ishma ġodda minflok dividend fi flus ser jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi individwali tal-Azzjonist. Jekk Azzjonist mhuwiex ċert kif dan ser jaffettwah minn perspettiva ta' taxxa huwa għandu jikkuntattja konsulent independenti qabel ma tittieħed kwalunkwe azzjoni.

**3.4** Fil-kalkolu tad-dividend applikabbli, il-Borża ta' Malta tapplika preċiżjoni ta' 12-il punt deċimali. Dan jirriżulta f'dividend gross għal kull sehem ta' €0.026140455456, b'dividend nett għal kull sehem ta' €0.016991296047.

**3.5** Il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend ser tkun aċċettata biss fir-rigward tal-ishma kollha għal kull kont tal-MSE li wieħed ikollu. Għal raġunijiet amministrattivi, l-għażla sabiex jinqasam id-dividend bejn ishma ġodda u flus hija applikabbli biss għall-Intermedjarji Finanzjarji, u azzjonisti diretti li għandhom 250,000 ishma jew aktar, billi jimlew is-*Supplement to Scrip Dividend Form* li ser tintbagħat separatament bil-posta elettronika (email) lill-Azzjonisti applikabbli mis-Segretarjat tal-Kumpanija.

**3.6** Fil-każ ta' detenturi konġunti, l-ewwel azzjonist imsemmi fil-Formola tal- Għażla tal-i*Scrip* Dividend li jagħmel l-għażla tad-dividend ser tiġi aċċettata.

**3.7** Azzjonisti li huma entitajiet korporattivi jistgħu jawtorizzaw persuna permezz ta' riżoluzzjoni kif ikun xieraq, sabiex tiffirma l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend. Il-persuna awtorizzata għandha tkun intitolata teżerċita l-istess setgħat f'isem l-entità korporattiva li tirrappreżenta bħala dik l-entità korporattiva. L-individwu awtorizzat għandu jindika b'mod ċar ir-rwol li għandu fl-istess entità korporattiva, meta jiffirma l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend.

**3.8** F'każ li l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend tasal wara t-7 ta' Mejju 2025, jew tintilef, tapplika l-opzjoni awtomatika ta' "flus".

**3.9** Għal aktar għajnuna dwar kif timtela l-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend, jew mistoqsijiet dwar dan id-dividend, jekk jogħġbok ikkuntattjana:

- b'email fuq **investor.relations@apsbank.com.mt**;
- billi ċċempel lil *Contact Centre* tagħna fuq 21226644 (disponibbli mit-Tnejn sal- Ħadd 0800-2100hrs);
- billi żżur waħda mill-fergħat tagħna tal-APS Bank plc.

Huwa importanti li wieħed jinnota li kwalunkwe assistenza li tista' tingħata mill-impjegati tal-APS Bank plc, ma tistax titqies bħala parir tal-għażla ta' dividend.

*F'każ ta' diskrepanza bejn il-verżjoni bil-Malti u bl-Ingliż ta' dawn id-dokumenti kollha tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-verżjoni bl-Ingliż hija meqjusa bħala l-verżjoni uffiċjali.*